**Anness 1**

## 1.1. KIF TUŻA L-GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

L-għodda tkopri tliet proċessi ewlenin taħt tliet taqsimiet:

– għażla ta' applikanti (worksheet 1 tal-ispreadsheet);

– l-implimentazzjoni tal-proġetti mill-benefiċjarji, li jiffokaw fuq l-akkwist pubbliku u l-ispejjeż tax-xogħol (worksheet 2);

– ċertifikazzjoni tal-ispejjeż mill-Awtorità ta' Ġestjoni u pagamenti (worksheet 3).

**Kull waħda minn dawn it-tliet taqsimiet, li fihom ir-riskji speċifiċi, li ġew enumerati (eż. SR1, SR2 eċċ) hija preċeduta b'kopertina, li telenka r-riskji speċifiċi kollha rilevanti għal dik it-taqsima.**

Barra minn hekk, l-Awtorita ta' Ġestjoni hija rrakkomandata biex tivvaluta r-riskji ta' frodi b'rabta ma' kull akkwist pubbliku li hija tamministra direttament, eż. fil-kuntest ta' għajnuna teknika (Taqsima 4 dwar akkwist dirett). F'każ li l-Awtorità ta' Ġestjoni ma twettaq l-ebda akkwist pubbliku li għalih tkun meħtieġa valutazzjoni tar-riskju tal-frodi, it-taqsima 4 magħandhiex għalfejn timtela.

Nota: ċelloli sofor biss għandhom jimtlew mit-tim ta' awtovalutazzjoni.

**<u>DESKRIZZJONI TAR-RISKJU</u>**

Bħala għajnuna għat-tim, ċertu numru ta' riskji ġew definiti minn qabel fl-għodda. Dawn ir-riskji definiti minn qabel kollha għandhom jiġu vvalutati mit-tim, iżda jekk jiġu identifikati riskji addizzjonali jistgħu jiġu miżjuda aktar ringieli.

**Id-deskrizzjoni sħiħa tar-riskju tista' tinstab jew fil-kopertina (rigward taqsimiet 2 u 4) jew taħt riskju speċifiku (taqsimiet 1 u 3).**

| L-Intestatura tal-Kolonna | Gwida |
|---|---|
| **Referenza tar-Riskju** | Referenza unika tar-riskju. L-ittri jirreferu għat-taqsima li fiha ir-riskju ġie identifikat (SR = Selezzjoni ta' benefiċjarji, IR = l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, CR = ċertifikazzjoni u ħlas u PR = Akkwist Dirett mill-Awtorità ta' Ġestjoni) u n-numru huwa r-referenza ta' identifikazzjoni sekwenzali.<br><br>Din iċ-ċellola trid timtela biss għal riskji ġodda miżjuda. |
| **Titlu tar-Riskju** | Din iċ-ċellola trid timtela biss għal riskji ġodda miżjuda. |

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tar-Riskju** | Din iċ-ċellola trid timtela biss għal riskji ġodda miżjuda. |
| **Min huwa involut fir-riskju?** | Dettalji tal-korpi li fihom l-individwi jew l-atturi involuti fit-twettiq ta' kwalunkwe frodi jinsabu jissemmew hawnhekk eż. l-Awtorità ta' Ġestjoni, l-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni, il-Korpi ta' Implimentazzjoni, il-Benefiċjarji, Partijiet Terzi.<br><br>Din iċ-ċellola trid timtela biss għal riskji ġodda miżjuda. |
| **Ir-riskju huwa intern (fi ħdan l-Awtorità ta' Ġestjoni), estern, jew huwa r-riżultat ta' kollużjoni?** | Dettalji dwar jekk il-frodi tkunx interna (biss fi ħdan l-Awtorità ta' Ġestjoni), esterna (biss f'waħda minn dawn l-entitajiet esterni għall-Awtorità ta' Ġestjoni) jew riżultat ta' kollużjoni (li tinvolvi wieħed jew aktar mill-korpi) huma mogħtija hawn.<br><br>Din iċ-ċellola trid timtela biss għal riskji ġodda miżjuda. |

## 2. IL-ĦAMES PASSI EWLENIN FL-AWTOVALUTAZZJONI

### 2.1. Riskju gross

Riskju gross jirreferi għal-livell ta' riskju **qabel ma jitqies** l-effett ta' kwalunkwe **kontrolli eżistenti jew ippjanati**. Il-kwantifikazzjoni tar-riskju normalment tikkonsisti f'kombinazzjoni tar-riskju "**probabilità**" — kemm x'aktarx iseħħ l-avveniment u r-riskju tal-"**impatt**" — x'konsegwenzi jista' jkollu, finanzjarjament u mhux finanzjarjament. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-valutazzjoni, għandu jiġi stabbilit **limitu ta' żmien** meta tiġi ddeterminata l-probabilità, li f'dan il-każ għandu jkun il-perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin.

| L-Intestatura tal-Kolonna | Gwida |
|---|---|
| **L-Impatt tar-Riskju (GROSS)** | Mill-menu li jinżel, it-tim ta' valutazzjoni tar-riskju għandu jagħżel valur tal-probabilità tar-riskju minn 1 sa 4, abbażi tal-impatt li r-riskju jkollu li kieku seħħ, skont il-kriterji li ġejjin: |

| | Reputazzjoni | Dwar Objettivi |
|---|---|---|
| 1 | Impatt limitat | Xogħol addizzjonali li jdewwem proċessi oħra |
| 2 | Impatt minuri | Il-kisba ta' għan operattiv imdewma |
| 3 | Impatt kbir, eż. minħabba li n-natura tal-frodi hija partikolarment serja jew bosta benefiċjarji huma involuti | Il-kisba ta' għan operattiv fil-periklu jew objettiv strateġiku mdewwem |
| 4 | Inkjesta formali mingħand il-partijiet interessati, eż mill-Parlament u/jew rappurtar negattiv fl-istampa | Objettiv strateġiku fil-periklu |

| | |
|---|---|
| **Il-Probabilità tar-Riskju (GROSS)** | Mill-menu li jinżel, it-tim ta' valutazzjoni tar-riskju għandu jagħżel valur tal-probabilità tar-riskju minn 1 sa 4, ibbażat fuq il-possibilità li r-riskju jseħħu fil-perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin, skont il-kriterji li ġejjin:<br><br>1 – Ma tiġri kważi qatt<br>2 – Tiġri rarament<br>3 – Tiġri kultant<br>4 – Tiġri spiss |
| **Il-Riżultat Totali tar-Riskju (GROSS)** | Din iċ-ċellula tiġi kkalkulata awtomatikament minn inputs fl-Impatt tar-Riskju u Probabilità. Hija kklassifikata skont il-punteġġ totali:<br>• 1 – 3 – Tollerabbli (Ħadra)<br>• 4 – 6 – Sinifikanti (Oranġju)<br>• 8 – 16 – Kritika (Ħamra) |

### 2.2. Kontrolli ta' mitigazzjoni attwali

Ċertu numru ta' kontrolli preventivi ssuġġeriti ġew definiti minn qabel fl-għodda. **Dawn il-kontrolli huma biss eżempji** u jistgħu jitneħħew mit-tim ta' valutazzjoni, jekk il-kontrolli ma jeżistux u jistgħu jiġu miżjuda iktar ringieli jekk ikun hemm kontrolli addizzjonali stabbiliti li jilqgħu kontra r-riskju identifikat. **Jista' jkun li kontroll attwalment allokat għal riskju partikolari huwa rilevanti wkoll għal riskji oħra - f'tali każ, il-kontrolli jistgħu jkunu ripetuti bosta drabi. B'mod partikolari, l-eżerċizzju jista' jiġi ffaċilitat billi ssir kontroreferenza sempliċi għall-kontrolli attwali li huma deskritti u/jew elenkati eż. fid-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, proċessi tan-negozju u manwali.**

| L-Intestatura tal-Kolonna | Gwida |
|---|---|
| **Referenza tal-Kontroll** | Referenza unika tal-kontroll. In-numri ġew allokati b'mod sekwenzjali lil kull riskju, eż. kontrolli għar-riskju SR 1 jibdew minn SC 1.1, il-kontrolli għar-riskju IR 2 jibdew minn IC 2.1.<br><br>Din iċ-ċellola trid timtela biss għal kontrolli ġodda miżjuda. |
| **Deskrizzjoni tal-Kontroll** | Din iċ-ċellola trid timtela biss għal kontrolli ġodda miżjuda. |
| **Tarah jitwettaq b'għajnejk dan il-kontroll ?** | Mill-menu li jinżel, it-tim ta' valutazzjoni tar-riskju għandu jindika provi għal "Iva" jew "Le" għat-tħaddim tal-kontroll dokumentat. Pereżempju, evidenza tal-approvazzjoni hija dokumentata permezz ta' firma u l-kontroll huwa għalhekk viżibbli. |
| **Dan il-kontroll tittestjah b'mod regolari?** | Mill-menu li jinżel, it-tim ta' valutazzjoni tar-riskju għandu jindika provi għal "Iva" jew "Le" dwar jekk l-operazzjoni tal-kontroll hijiex regolarment ittestjata. Dan jista' jiġi ttestjat permezz ta' verifika interna jew esterna jew kwalunkwe sistema oħra ta' monitoraġġ. |
| **Kemm int kunfidenti dwar l-effikaċja ta' dan il-kontroll?** | Abbażi parzjalment fuq ir-reazzjonijiet għaż-żewġ domandi preċedenti, it-tim ta' valutazzjoni tar-riskju għandu jindika kemm huwa fiduċjuż fl-effikaċja tal-kontroll fil-mitigazzjoni kontra r-riskju identifikat (Għoli, |

| | |
|---|---|
| | Medju jew Baxx). Jekk il-kontroll ma jkunx ipprovat jew mhux ittestjat, il-livell ta' fiduċja se jkun baxx. Jekk il-kontroll ma jkunx ipprovat, f'dak il-każ huwa ċar mhux se jkun jista' jiġi ttestjat. |
| **L-effett tal-kontrolli kkombinati dwar l-IMPATT tar-riskju filwaqt li jitqiesu l-gradi ta' fiduċja.** | Mill-menu li jinżel, it-tim ta' valutazzjoni tar-riskju għandu jagħżel valur minn -1 to -4, li jindika kemm jemmnu li l-impatt tar-riskju tnaqqas mill-kontrolli attwalment fis-seħħ. Kontrolli li jidentifikaw frodi jnaqqsu l-impatt ta' frodi peress li dawn juru li l-mekkaniżmi ta' kontroll intern jaħdmu. |
| **L-effett tal-kontrolli kkombinati dwar il-PROBABILITÀ tar-riskju li jqiesu l-gradi ta' fiduċja.** | Mill-menu li jinżel, it-tim ta' valutazzjoni tar-riskju għandu jagħżel valur minn -1 to -4, li jindika kemm jemmnu li l-probabilità tar-riskju naqset minħabbal-kontrolli attwalment fis-seħħ. Kontrolli li jidentifikaw frodi biss indirettament inaqqsu il-probabilità ta' frodi. |

## 2.3. Riskju nett

Riskju nett jirreferi għal-livell ta' riskju **wara li jitqies l-effett** ta' kwalunkwe kontrolli **eżistenti** u l-effettività tagħhom jiġifieri kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa.

<table>
<tr><th>L-Intestatura tal-Kolonna</th><th>Gwida</th></tr>
<tr><td>L-Impatt tar-Riskju (NETT)</td><td>Din iċ-ċellola se tiġi awtomatikament ikkalkulata bit-tnaqqis tal-effett ta' taħlita ta' kontrolli ta' mitigazzjoni eżistenti mir-riskju GROSS tal-impatt. Ir-riżultat għandu jiġi rivedut skont il-kriterji li ġejjin sabiex jikkonferma li l-valutazzjoni għadha raġjonevoli:
<table>
<tr><td></td><td>Reputazzjoni</td><td>Dwar Objettivi</td></tr>
<tr><td>1</td><td>Impatt limitat</td><td>Xogħol addizzjonali li jdewwem proċessi oħra</td></tr>
<tr><td>2</td><td>Impatt minuri</td><td>Il-kisba ta' għan operattiv imdewma</td></tr>
<tr><td>3</td><td>Impatt kbir, eż. minħabba li n-natura tal-frodi hija partikolarment serja jew numru ta' benefiċjarji huma involuti</td><td>Il-kisba ta' għan operattiv fil-periklu jew objettiv strateġiku mdewwem</td></tr>
<tr><td>4</td><td>Inkjesta formali mingħand il-partijiet interessati, eż mill-Parlament u/jew rappurtar negattiv fl-istampa</td><td>Objettiv strateġiku fil-periklu</td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>Il-Probabilità tar-Riskju (NETT)</td><td>Din iċ-ċellola ser tiġi awtomatikament ikkalkulata bit-tnaqqis tal-effett ta' taħlita ta' kontrolli ta' mitigazzjoni eżistenti mir-riskju GROSS tal-probabilità. Ir-riżultat għandu jiġi rivedut skont il-kriterji li ġejjin sabiex jikkonferma li l-valutazzjoni għadha raġjonevoli:
<table>
<tr><td>1</td><td>Ma tiġri kważi qatt</td></tr>
<tr><td>2</td><td>Tiġri rarament</td></tr>
<tr><td>3</td><td>Tiġri kultant</td></tr>
<tr><td>4</td><td>Tiġri spiss</td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>Il-Riżultat Totali tar-Riskju (NETT)</td><td>Din iċ-ċellula tiġi kkalkulata awtomatikament mill-valuri tal-Impatt tar-Riskju u l-Probabilità. Huwa kklassifikat skont il-punteġġ totali:<br>• 1 – 3 – Tollerabbli (Ħadra)<br>• 4 – 6 – Sinifikanti (Oranġju)<br>• 8 – 16 – Kritika (Ħamra)</td></tr>
</table>

## 2.4. Pjan ta’ Azzjoni biex jiġu stabbiliti miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi

| L-Intestatura tal-Kolonna | Gwida |
|---|---|
| **Il-Kontroll Addizzjonali Ppjanat** | Deskrizzjoni sħiħa tal-kontroll ippjanat/miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi għandhom jitniżżlu hawn. **Filwaqt li t-taqsima 5 tan-nota ta’ gwida tistipula prinċipji ġenerali u metodi biex tiġi miġġielda l-frodi, l-Anness 2 jipprovdi l-kontrolli ta’ mitigazzjoni rakkomandati għal kull riskju identifikat.** |
| **L-individwu Responsabbli** | Għandu jiġi indikat individwu responsabbli (jew rwol) għal kwalunkwe kontrolli ppjanati . Dan l-individwu għandu jaqbel li jieħu r-responsabilità għall-kontroll u jkun responsabbli għall-introduzzjoni u l-funzjonament effettiv tiegħu. |
| **Skadenza għall-Implementazjoni** | Skadenza għall-implimentazzjoni tal-kontroll il-ġdid għandha titnizzel hawn. L-individwu responsabbli għandu jaqbel ma' din l-iskadenza u jkun responsabbli għall-introduzzjoni tal-kontroll il-ġdid sa din id-data. |
| **L-effett tal-kontrolli kkumbinati addizzjonali ppjanati fuq l-IMPATT tar-riskju** | Mill-menu li jinżel, it-tim ta’ valutazzjoni tar-riskju għandu jagħżel valur minn -1 to -4, li jindika kemm jemmnu li l-impatt tar-riskju se jitnaqqas mill-kontrolli ppjanati. |
| **L-effett tal-kontrolli kkumbinati addizzjonali ppjanati fuq il-PROBABBILITÀ tar-riskju.** | Mill-menu li jinżel, it-tim ta’ valutazzjoni tar-riskju għandu jagħżel valur minn -1 to -4, li jindika kemm jemmnu li l-probabilità tar-riskju se jitnaqqas mill-kontrolli ppjanati. |

## 2.5. Ir-riskju fil-mira

Riskju ta’ mira jirreferi għal-livell ta’ riskju **wara li jitqies l-effett** ta’ kwalunkwe kontrolli **attwali u ppjanati**.

<table>
<tr><th>L-Intestatura tal-Kolonna</th><th>Gwida</th></tr>
<tr><td>L-Impatt tar-Riskju (IL-MIRA)</td><td>Din iċ-ċellola se tiġi awtomatikament ikkalkulata bit-tnaqqis tal-effett ta’ taħlita ta’ kontrolli ta’ mitigazzjoni ppjanati mir-riskju NET tal-impatt. Ir-riżultat għandu jiġi rivedut skont il-kriterji li ġejjin sabiex jikkonferma li l-valutazzjoni għadha raġjonevoli:
<table>
<tr><th></th><th>Reputazzjoni</th><th>Dwar Objettivi</th></tr>
<tr><td>1</td><td>Impatt limitat</td><td>Xogħol addizzjonali li jdewwem proċessi oħra</td></tr>
<tr><td>2</td><td>Impatt minuri</td><td>Il-kisba ta’ għan operattiv imdewma</td></tr>
<tr><td>3</td><td>Impatt kbir, eż. minħabba li n-natura tal-frodi hija partikolarment serja jew numru ta’ benefiċjarji huma involuti</td><td>Il-kisba ta’ għan operattiv fil-periklu jew objettiv strateġiku mdewwem</td></tr>
<tr><td>4</td><td>Inkjesta formali mingħand il-partijiet interessati, eż mill-Parlament u/jew rappurtar negattiv fl-istampa</td><td>Objettiv strateġiku fil-periklu</td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>Il-Probabilità tar-Riskju (IL-MIRA)</td><td>Din iċ-ċellola se tiġi awtomatikament ikkalkulata bit-tnaqqis tal-effett ta’ taħlita ta’ kontrolli ta’ mitigazzjoni ppjanati mir-riskju GROSS tal-probabilità. Ir-riżultat għandu jiġi rivedut skont il-kriterji li ġejjin sabiex jikkonferma li l-valutazzjoni għadha raġjonevoli:
<table>
<tr><td>1</td><td>Ma tiġri kważi qatt</td></tr>
<tr><td>2</td><td>Tiġri rarament</td></tr>
<tr><td>3</td><td>Tiġri kultant</td></tr>
<tr><td>4</td><td>Tiġri spiss</td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>Il-Riżultat Totali tar-Riskju (IL-MIRA)</td><td>Din iċ-ċellula tiġi kkalkulata awtomatikament minn inputs fl-Impatt tar-Riskju u Probabilità. Hija kklassifikat skont il-punteġġ totali:
<ul>
<li>1 – 3 – Tollerabbli (Ħadra)</li>
<li>4 – 6 – Sinifikanti (Oranġju)</li>
<li>8 – 16 – Kritika (Ħamra)</li>
</ul></td></tr>
</table>